**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Hubert Cini)**
**vs**
**Joseph Zahra**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjonijiet datati 29 ta' Mejju 2014 miġjuba fil-konfront ta` Joseph Zahra, iben Joseph u Anna nee Cutajar, imwieled nhar is-6 t'April 1953 u li bħalissa joqgħod CCF u li għandu l-karta tal-identita bin-numri 293553M u li permezz tagħhom ġie imħarrek talli nhar it-12 ta' Marzu, 2014 għal ħabta ta' 19:35 hrs ġewwa CCF, Div 6 inġurja jew hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta' Simon Buttigieg inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li kien għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbezzgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-Art. 95 tal-Kap. 9.

Il-Qorti hi wkoll gentilment mitluba li f'kaz ta' sejbien ta' ħtija tapplika l-provvedimenti tal-Art. 33(a) tal-Kap. 9.

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

Semgħet il-provi prodotti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi l-Qorti rat li dan il-każ tnissel minn kwerela li saret minn Simon Buttigieg, Head of Operations tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin fejn, almenu stando għal dak li hemm fil-PIRS eżibit, allegatament waqt li Nurse Caroline Psaila kienet qegħdha tqassam xi mediċini lil priġunieri fosthom lill-imputat akkumpanjata minn PC 448 Mark Bilocca l-imputat stqarr xi kliem **lin-Nurse** Caroline Psaila fis-sens li jekk Buttigieg ma kienx sejjer ineħħi lill-imputat mid-Diviżjoni li kien fiha "hawn gew tghaddi ta' Simon imma barra ma tghaddix tieghu, ghax ghandi t-tfal u nibghathom iweggawh ghax anke hu ghandu it-tfal, u ladarba inkun barra jien nista namel li irried ukoll".

Simon Buttigieg xehed li fil-fatt fid-data u ħin imputati kien hemm xi Uffiċjali li nfurmawh li l-imputat kien għamel xi theddid fil-konfront tiegħu. Dan it-theddid kien sar ma' PC448 Mark Bilocca fis-sens li l-imputat kien sejjer jibgħat it-tfal tiegħu għalih għaliex inzerta li jirrisjedi fl-istess lokalita' fejn joqgħod l-imputat, meta ma jkunx fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin. Simon Buttigieg stqarr li hu ma semgħax lill-imputat jgħid dan id-diskors. Għalhekk lil PC448 Mark Bilocca qallu li jekk semgħa dawn il-kliem setgħa jagħmel il-

kwerela huwa stess. Biss jirriżulta li l-kwerela jidher li saret minn Simon Buttigieg għaliex fil-PIRS hekk jingħad. Apparti minn hekk in kontro-eżami dan ix-xhud stqarr li l-imputat kien qallu wkoll li uliedu ma kienux ikellimuh. Inoltre, Simon Buttigieg stqarr li meta PC448 qallu l-kliem allegatament ta' theddid, Buttigieg f'moħħu ma ħassx li din kienet theddida għalied għaliex jaf li l-imputat ma kienx jasal li jagħmel atti ta' dik in-natura kontrih. Buttigieg ikkonkluda wkoll li wara li l-imputat inqala' mid-Diviżjoni numru 6, l-imġieba tiegħu marret għall-aħjar.

PC448 Mark Bilocca xehed li waqt li fid-data inkriminata kien qiegħed jeskorta lill-imputat, dan beda jgħid kliem ta' theddid fis-sens hawn fuq imsemmi kontra Simon Buttigieg. Kif semgħa dan il-kliem mar jagħmel rapport lil Simon Buttigieg stess. Buttigieg qallu li kien sejjer jagħmel rapport. Qal ukoll li mhux l-ewwel darba li kien hemm xi diskors bejnu u bejn Zahra fejn anke darba minnhom kien għajru giddieb. Biss fuq dan il-kliem ma kienx sar xi rapport lill-Pulizija jew lill-Awtoritajiet tal-Faċilita.

In-Nurse Caroline Psaila qalet li fid-data u ħin inkriminati kienet niżlet fid-Diviżjoni 6 u rat li kien hemm l-imputat li kien fi stat ta' rabja. Din ix-xhud qalet li hija semgħet lill-imputat jgħidilha biex imorru javżaw lis-Sur Simon Buttigieg li l-imputat mhux suppost kien qiegħed f'dik id-Diviżjoni għaliex ma kienx sew minn saħħtu. Meta kien qed isir dan id-diskors l-Uffiċjal tal-Pulizija 446 kien qiegħed warajha għax hi kienet quddiemu tqassam il-pilloli. Hi kienet taf li dakinhar kien sar rapport fuq allegat kliem ta' theddid li suppost kien stqarr l-imputat. Pero din ix-xhud stqarret li apparti dak imsemmi ma semgħatx lill-imputat jgħid kliem ieħor. L-imputat jieħu xi panadols u xi valium. Meta ġiet ippressata dwar il-fatt li jekk il-kliem li ntqal, kien intqal fil-preżenza tagħha, u għalhekk ma setgħax ikun li ma semgħatux, hija stqarret li għalkemm jista' jkun li l-imputat qal dan il-kliem, hija pero ma semgħatux.

Il-Qorti rat ukoll l-affidavit ta' PS285 G. Cutajar fejn qal li dakinhar tal-inċident kienu marru fuqu PC448 Mark Bilocca u nurse Caroline Psaila fejn kienu stqarru li fid-Diviżjoni 6 "Joseph Zahra mar fuq in-nurse u qallha xi theddid fil-konfront ta' Simon Buttigieg biex johorġu minn Div. 6". Xi kliem intqal dan ix-xhud ma jsemmix.

L-imputat għażel li jixhed. Huwa qal li dakinhar tal-inċident in-nurse Caroline kienet marret bil-pilloli u qallha li ried ikellem lis-Sur Simon. Lil Bilocca ma kelmux. Hu lin-nurse kien kellem u jiċħad li huwa qallha kliem ta' theddid fil-konfront ta' Simon Buttigieg fejn semma' lit-tfal tiegħu. L-imputat jikkonferma li huwa ried li jinqala' mid-Diviżjoni numru 6; iżda ma kienx qal kliem ta' theddid fil-konfront ta' Simon Buttigieg. Ikkonferma wkoll li barra minn hekk huwa lil uliedu ma kienx ikellimhom għaliex dawn ma kienux ikelmuh.

***Ikkunsidrat : -***

Illi f'dan il-każ il-persuna li lilha kien rivolt it-theddid ma semgħetx lill-imputat jgħid l-allegat kliem ta' theddid. Biss dan ma jfissirx li l-kliem ma ntqalx jew li jekk intqal ma kienx ta' theddid.

Din il-Qorti hija konfrontata b'sitwazzjoni fejn kemm fil-PIRS kif ukoll fl-affidavit ta' PS285 jingħad li l-allegat kliem ta' theddid sar mill-imputat lin-nurse Psaila. Anke hi tgħid li

kienet quddiem u l-imputat jgħid li huwa kien kellem lilha. Hi allura kienet l-aktar persuna li suppost kienet f'qagħda li tgħid eżattament x'kien il-kliem preċiż li suppost qal l-imputat lejn Simon Buttigieg. Minkejja dan, u minkejja li ġiet mistoqsija għal aktar minn darba, hija wieġbet li veru li l-imputat kien irrabjat għax kien għadu miżmum fid-Diviżjoni 6, u veru wkoll li qallha biex imorru jgħidu lil Simon Buttigieg biex jaqilgħu minn hemm għax ma kienx tajjeb minn saħtu. Iżda ma semgħetux jgħid kliem ta' theddid kontra Buttigieg. Dan jikkontrasta ma dak li xehed PC446 Mark Bilocca. Il-Qorti għarblet lix-xiehda ta' Caroline Psaila u PC446 Mark Bilocca skont dak imsemmi mill-Artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Iżda meta xehdu quddiem din il-Qorti, t-tnejn li huma kien jidhru konvinċenti f'dak li xehdu – minkejja li l-verżjonijiet tagħhom ma kienux jaqblu.

Dan iwassal għal sitwazzjoni fejn jekk dak imsemmi mis-Surġent 285 u minn Joseph Zahra huwa minnu, l-imputat fil-fatt kellem, jew almenu indirizza lin-Nurse. Jekk kien verament hekk u jekk dan qal xi kliem ta' theddid, din suppost kienet fl-aħjar posizzjoni biex tisimgħu. Dan pero ma jirriżultax mix-xiehda tagħha. L-istqarrija tagħha li jista' jkun li qal dak il-kliem ma twassal għal ebda soluzzjoni tal-każ għax taqa' fir-relm tal-possibbli. Huwa minnu li x-xhieda jaqblu li Zahra kien irrabjat u li kien qiegħed jitkellem b'mod irrabjat u b'ton ta' rabja. Iżda dan waħdu ma jġibx miegħu l-estremi tat-theddid sakemm ma jkunx akkumpanjat minn kliem jew ġesti li juru dan.

F'dan il-każ kieku l-Qorti kienet konvinta moralment li l-kliem li ġie allegat verament intqal fil-konfront ta' Simon Buttigieg, kien ikun jikkostitwixxi theddida serja ħafna kontra Uffiċjal Pubbliku u l-piena għaliha kienet tkun dik ta' priġunerija, għal żmien mhux qasir. Iżda f'dan il-każ, ix-xiehda tal-Prosekuzzjoni stess ma kienux univoċi bejniethom. Minħabba f'dan u minħabba l-mod kif xehdu ż-żewġt xiehda prinċipali tal-prosekuzzjoni, anke jekk tiskarta d-deposizzjoni tal-imputat, il-Qorti tqis li f'dan il-każ hemm dubju dettat mir-raġuni li għandu jiġi applikat favur tal-imputat.

***GĦALDAQSTANT : -***

Fid-dawl tal-fatt li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni qegħdha tiddikjara lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u tilliberah minn kull ħtija u piena.

*Mogħtija illum is-7 t'Ottubru 2014 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.*

*Il-Maġistrat Aaron M. Bugeja.*